# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Numru **144/2024**
Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv Nru 44/2024 **fl-ismijiet:**

**Brigit Wilheim (Passaport Awstrijak Numru P67444434)**
**debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tieghu**
**l-Avv. Dottor Sarah Sultana (KI 0012581M)**

**VS**

**TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266)**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet finali dwar talba magħmula permezz ta’ rikors datat disgħa (9) ta’ Frar 2024 (minn issa ’l quddiem *“ir-rikors odjern”*) ippreżentat mis-soċjetà TSG Interactive Gaming Europe Ltd (minn issa ’l quddiem *“is-soċjeta’ rikorrenti”*) ai termini tal-Artikolu 44(1)(a) u (c) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' rikors datat disgħa ta' (9) Frar 2024 l-intimat talab lil din il-Qorti sabiex tordna proviżorjament illi jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 44/2024 sabiex ma jsir ebda żbank ta' ċedoli u dan sakemm jiġi deċiż ir-rikors odjern u kif ukoll sabiex tordna illi l-mandat ta' sekwestru 44/2024 fl-ismijiet Brigit Wilheim (Passaport Awstrijak Numru P67444434) debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegh l-Avv. Dottor Sarah Sultana (KI 0012581M) VS TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266) jkun sospiż. Dan in segwitu ta' titolu eżekuttiv minnu ottjenut permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonal Civil Court for Civil Matters gewwa l-Awstrija fid-19 t'April 2022. Dan it-titolu eżekuttiv kien ġie notifikat lis-soċjeta' rikorrenti fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023 permezz ta' Ċertifikat maħruġ ai termini tar-Regolament Brussels I Recast;

3. Konsegwentement, is-soċjetà rikorrenti intavolat kawża illi permezz tagħha qed titlob lil din il-Qorti: (a) tirrifjuta r-rikonoxximent tas-sentenza Awstrijaka f'Malta, ai termini tal-Artikolu 45(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012, dan minħabba l-fatt illi r-rikonoxximent tagħha jkun manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti; u (b) tirrifjuta l-infurzar tal-istess sentenza Awstrijaka f'Malta ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012.

**It-Talba magħmula permezz tar-Rikors Odjern**

4. Ir-rikors odjern ġie intavolat kontestwalment mal-kawża suriferita. Permezz tiegħu, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

   a. **Tordna li, sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors, b'mod proviżorju tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 44/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant, u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;**

b. **Tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 44/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati kollu kemm hu ai termini tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l- eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) billi tordna lis-sekwestretarji jirrilaxxaw il-kontijiet tas-soċjeta' esponenti**

c. **B'mod alternattiv u mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti tordna li jiġi limitat l-effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' riferenza 44/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati għal wieħed kawtelatorju ai termini tal-artikolu 44(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisidzzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant.**

5. Is-soċjetà rikorrenti qed issostni illi apparti l-fatt illi huma sodisfatti l-elementi kollha rikjesti sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn Qrati oħra fl-Unjoni Ewropea kif elenkati f'ġurisprudenza nostrana, jirriżulta wkoll illi:

a. Mad-daqqa t'għajn, is-soċjeta' rikorenti għandha raġunijiet tajba u argumenti validi biex tintlaqa' t-talba tagħha għar-rifjut ta' rikonoxximent u infurzar tas-sentenza Awstrijaka f'Malta, b'mod speċifiku l-fatt illi s-sentenza Awstrijaka tmur kontra l-istrateġija pubblika tal-istat Malti. Dan stante illi l-Awtorita' Maltija għal-Logħob stqarret li operaturi liċenzjati f'Malta għandhom raġuni ġustifikata sabiex joffru s-servizz tagħhom ġewwa l-Awstrija, sakemm josservaw il-kundizzjonijiet u l-obbligi legali naxxenti mil-Liġijiet ta' Malta;

b. Iż-żamm fis-seħħ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 44/2024 qed jikkawża lis-soċjeta' rikorrenti konsegwenzi serji u preġudizzju ta' natura gravi, liema konsegwenzi u preġudizzji jistgħu jiggravaw u jiżdiedu mat-trapass taż-żmien li jibqa' fis-seħħ. In oltre, iż-żamm fis-seħħ tal-istess mandat jista' jxekkel l-operat tas-soċjeta' rikorrenti, parikolarment l-abbilita' li tħallas lill-kredituri tagħha, inkluż l-impjegati.

6. L-intimata debitament notifikat fit-tmintax (18) ta' Marzu 2024 bir-rikors de quo u bid-digriet tad-dsatax (19) ta' Frar 2024 ppreżentat risposta fil-15 ta Marzu 2024 fejn inter alia qalet li minghajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha m'għandu l-ebda oġġezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet fil-proċeduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament UE 1215/2012 ossia l-proċeduri 633/2023AJD tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li ghandha favuriha fis-sens li l-intimata ma tkunx tista' jiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati u /jew li jistgħu jiġu depożitati fil-Qorti in konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 44/2024 minnha ntavolat.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

8. Wara li rat id-digriet tagħha tad-dsatax (19) ta' Frar 2024 fejn fiha laqgħet l-ewwel talba u ordnat li sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors b'mod proviżorju jiġu limitati l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 44/2024 fl-ismijiet Brigit Wilheim (Passaport Awstrijak numru P6744435) debitament rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-Avv Dr Sarah Sultana (KI Nru 0012581M) vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266_b'dan li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

10. L-Artikolu 44 tar-Regolament 1215/2012, illi fuqu qed tibbaża t-talba tagħha s-soċjeta' rikorrenti, jistipula s-sewgenti:

> *1. In the event of an application for refusal of enforcement of a judgment pursuant to Subsection 2 of Section 3, the court in the Member State addressed may, on the application of the person against whom enforcement is sought:*
>
> *(a) limit the enforcement proceedings to protective measures;*
>
> *(b) make enforcement conditional on the provision of such security as it shall determine; or*
>
> *(c) suspend, either wholly or in part, the enforcement proceedings.*

11. Mit-test tal-artikolu stess, jirriżultaw prinċiparjament żewġ elementi:

   a. Illi sabiex tirnexxi azzjoni taħt dan l-artikolu, ir-rikorrent irid ikun istitwixxa proċeduri għal rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenza; u

   b. Illi din il-Qorti mhix marbuta illi tillimita u/jew tissospendi l-infurzar tas-sentenza, iżda għandha d-diskrezzjoni tiddeċiedi għandhiex tilqa' jew tiċħad it-talba, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan huwa evidenti mill-użu tal-kelma *"may"*;

12. Il-fatt illi proċeduri għal rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenza ġew istitwiti mis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimata, huwa fatt rikonoxxut minn din il-Qorti. Infatti, jinsabu preżentement pendenti quddiem din il-Qorti stess proċeduri fl-istess ismijiet (Rikors Nru 147/2024AJD);

13. In oltre, imbagħad, fid-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd***[1], il-Qorti rriteniet:

> *19. [...] [X]ogħol il-qorti fi proċeduri dwar talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza huwa li tara żewġ affarijiet ewlenija: (i) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija; u (ii) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni.*
>
> *20. Naturalment dwar l-ewwel element tal-probabilis causa litigandi, mhuwiex xogħol din il-qorti li tara jekk ir-rikorrent għandux raġun jattakka l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza. Li trid tara l-qorti f'dawn il-proċeduri ta' sospensjoni huwa biss jekk ir-rikorrent għandux raġunijiet li fihom wieħed x'jomgħod jew x'jixtarr;*
>
> *21. Il-qorti minnufih għandha tiċħad it-talba għas-sospensjoni, jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru ċari biżżejjed li dawn saru biss biex itawlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza;*

[1]Rik Nru 825/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ C Falzon Scerri, 11 t'Ottubru 2021

*22. Mill-banda l-oħra, il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddejjaq illi tilqa' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ir-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza jqanqlu fiha ħsibijiet ta' tħabbil il-moħħ. Dan jibqa' jgħodd anke jekk il-qorti jista' ġa jkollha l-fehmiet legali tagħha dwar kif imissha tinqata' l-kwistjoni. Wara kollox il-kejl li jrid jiġi użat hawnhekk huwa dak biss tal-probabilis causa litigandi u mhux tal-iusta causa litigandi;*

Il-Qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet wara illi għamlet referenza għal dak sostnut minn **Dickinson** u **Lein** f'***The Brussels I Regulation Recast***[2], cioe:

*A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgement.*

14. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, jirriżulta mir-rikors numru 147/2024AJD, illi l-azzjoni ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka hija bbażata fuq l-Artikolu 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012, u cioe:

*Article 45*

*1. On the application of any interested party, the recognition of a judgment shall be refused:*

[2]Dickenson A & Lein E, *The Brussels I Regulation Recast* (OUP, 1st Edn, 2015) p 431

*(a) if such recognition is manifestly contrary to public policy (ordre public) in the Member State addressed;*

*[...]*

*Article 46*

*On the application of the person against whom enforcement is sought, the enforcement of a judgment shall be refused where one of the grounds referred to in Article 45 is found to exist.*

15. In suċċint, f'dak illi huma l-fatti tal-każ illi wasslu sabiex tiġi intavolata l-kawża fil-mertu, jidher illi l-intimata kienet qiegħed jieħu sehem f'xi logħob tal-azzard offrut mis-soċjeta' rikorrenti, fejn għamlet telf kumplessiv fl-ammont ta' sebat elef ħames mija tnejn u tmenin elf u erbgħa u tletin ċenteżmu (€7,582.34). Peress illi l-Qorti Awstrijaka kienet preċedentement ikkonkludiet illi l-monopolju tal-logħob tal-ażżard Awstrijak ma jivvjolax il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-provvista ta' servizzi tal-logħob tal-azzard minn kwalunkwe operatur f'dan il-qasam (inkluża s-soċjeta' rikorrenti) minn Malta kien jikkostitwixxi *"logħob ipprojbit"*. Fuq din il-premessa, il-Qorti Awstrijaka ikkundannat lis-soċjeta' rikorrenti tħallas lill-intimata l-ammonti minnha mitlufa. Madanakollu, is-soċjeta' rikorrenti qed topponi għall-esekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka, stante illi qed tikkontendi illi Malta, bħala Stat sovran, għandha dritt toħloq l-istrateġija pubblika tagħha, inkluż f'dak illi jirriwgarda r-regolazzjoni tal-industrija tal-logħob tal-azzard. Għaldaqstant, gialadarba l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob ħarġitilha liċenzja sabiex toffri servizzi għal-logħob tal-azzard barra minn Malta lil persuni li jaċċessaw is-sit tagħha, inkluż dawk ta' persuni li jinsabu fl-Awstrija, in osservanza tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka jmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta fil-qasam tal-logħob tal-azzard in kwantu l-Qorti qed tiġi mitluba tenforza sentenza li tmur kontra l-insenjament tal-Eżekuttiv ta' Malta kif rappreżentat mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob, u cioe li

operatur Malti jista' joffri s-servizzi tiegħu ġewwa l-Awstrija. In oltre, is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi wkoll illi r-restrizzjonijiet imposti mill-Istat Awstrijak fuq il-moviment liberu tas-servizzi tal-logħob tal-azzard, ma hux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qrati tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex jikkostitwixxi deroga permissibbli u ġustifikabbli mill-prinċipju ġuridiku komunitarju suprem magħruf bħala *"the principle of harmonious interpretation of EU Law"*;

16. Lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex illi l-premessi fil-kawża intavolata mis-soċjeta' rikorrenti huma fiergħa jew li m'għandhomx x'jaqsmu mar-Regolamenti 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012. Huwa evidenti mir-rikors stess illi l-kawża hija bbażata fuq dawn iż-żewġ provvedimenti fir-Regolament 1215/2012, u din il-Qorti tqis illi l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti timmerita illi tiġi mistħarrġa u deċiża fil-kawża imsemmija, b'dana illi huwa għalhekk sodisfatt l-element tal-*prima facie*;

17. In oltre, dwar il-preġudizzju din il-Qorti tikkonkludi illi huwa l-iżbank ta' fondi ddepożitati illi jista' jarreka preġudizzju lis-soċjeta' rikorrenti, u mhux id-depożitu tal-fondi nfushom taħt l-Awtorita' tal-Qorti;

18. Il-kwistjoni li tqum f'din il-proċedura hija talba numru tnejn, fejn qiegħed jintalab li s-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet tas-Soċjeta' rikorrenti. Jibda biex jingħad li f'dan ir-rigward, il-Qorti ma għandha ebda prova f'dawn l-Atti, li xi wieħed mis-sekwestratarji għadda għad-depositu tas-somma kkawtelata wara l-otteniment tal-ħruġ tas-Sekwestru 144/2024, mertu ta' dawn il-proċeduri.

    Di piu' din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk bil-proċedura taħt ir-regolament 1215/2012, hux possibli issir talba bħal din. Ir-regolament 44 jipprospetta tlett sitwazzjonijiet ta' x'jistgħu jagħmlu l-Qrati fejn tkun qed tintalab l-esekuzzjoni u dawn huma s-segwenti:

    (a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtelatorji;
    (b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew

(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.

19. Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq il-kwistjoni u waslet għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ladarba hija dehrilha li TSG Interactive Gaming Europe Limited għandha argument dibattibli biex titlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, l-aħjar soluzzjoni huwa li taċċetta t-talba tagħha li jiġu sospiżi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv 44/2024. Din is-sospensjoni iżda qed tintlaqa' biss safejn jolqot it-tiġbid jew żbank tal-flus, min-naħa ta' l-intimata, li ġew jew għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji;

20. Fi kliem ieħor, il-mandat ta' sekwestru esekuttiv għandu jibqa' fis-seħħ sabiex is-sekwestratarji jiddepożitaw il-flejjes ta' TSG Interactive Gaming Europe Limited li jkunu miżmuma magħhom, iżda min-naħa l-oħra Brigit Wilhemina mhijiex awtorizzata tiġbed flejjes li jiġu depożitati qabel ma tingħalaq b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 147/2024AJD li hemm miftuħa bejn il-partijiet;

21. Dwar it-tielet talba, l-intimata tissotometti li tali ma tistghax tintlaqa' fl-intier taghha ghaliex ir-rimedji disponibbli lis-sekwestrata ai termini tal-Artikolu 44(1) tar-Regolament mhumiex kumulattivi iżda alternattivi u jsegwi għalhekk li ma tistax tintlaqa' t-talba ghal-limitazzjoni tal-effetti tal-mandat de quo għal mandat kawtealtorju u fl-istess ħin tiġi sopiża l-eżekuzzjoni fis-sens li ma jkunux jistgħu isiru żbanki.

22. Finalment l-intimat isostni wkoll li mingħajr preġudizzju ghall-pożizzjoni tiegħu m'ghandu l-ebda oġġezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet fil-proċeduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament tigi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li għandu favurih fis-sens li l-intimat ma jkunx jista' jiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati u /jew li jistgħu jiġu depożitati fil-Qorti inkonsegwenza tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 44/2024 minnu intavolat;

23. Mill-premess jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti illi tkun f'lokha l-miżura illi **<u>tintlaqa' t-talba għas-sospensjoni tal-mandat eżekuttiv b'dana illi ma jista' jsir l-ebda ġbid jew żbank tal-flejjes sekwestrati li ġew depożitati jew li jistgħu jiġu deppożitati</u>** sakemm ikun hemm ezitu finali bejn il-partijiet fil-proċeduri ta' rifjut intavolati ai termini tar-Regolament.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba rikorrenti, u tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 44/2024 fl-ismijiet premessi, b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant sakemm tinqata' b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 147/2024 AJD;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni talba dwar ir-rilaxx ta' kontijiet tas-soċjeta' esponenti b'dan illi il-mandat ta' sekwestru esekuttiv għandu jibqa' fis-seħħ sabiex is-sekwestratarji jiddepożitaw il-flejjes ta' TSG Interactive Gaming Europe Limited li jkunu miżmuma magħhom, iżda min-naħa l-oħra Brigit Wilhemina mhijiex awtorizzata tiġbed flejjes li jiġu depożitati qabel ma tingħalaq b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 147/2024AJD li hemm miftuħa bejn il-partijiet;

iii. **<u>Tordna</u>** notifika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili, sabiex jieħu konjizzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, Tnejn, L-ewwel (1) ta' April , 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Zerafa**
**Deputat Reġistratur**